MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Numru. 802/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**

**vs**

**Anthony Camilleri**

**Illum, 22 ta’ Novembru, 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 802/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Camilleri, iben Joseph u Maria nee’ Vella, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ Jannar, 1962 u joqghod fil-fond numru 15, ‘Dolce Casa’,

Triq il-Muza, Siggiewi u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 79462(M).

U akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta’ April, 2010 ghall-habta tad-9.22am;

1. Ha f’idejh xi funzjoni pubblika sew civili jew militari, minghajr ma’ kellu jedd ghaliha u ezercita xi att ta’ dik il-funzjoni.
2. U aktar talli bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita’ tieghu nnifsu illi xi hadd ihallas id-dejn jew jesegwixxi obligazzjoni, jkun li jkun u b’hekk indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat l-artikoli 84 u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat t-tieni imputazzjoni.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni, il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li din giet irtirata, wara li rat l-artikolu 84 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------